MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1722/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Grima Communications Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Settembru 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta tmien mija u sbatax-il lira tnejn u sittin centezmu (LM817.62) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici li jgibu n-numri 239921, 249150, 250369 u 251226 installati fil-fond numru 70 Capuchins street, Floriana u 76 St Paul's street,Valletta u dana kif jirrizulta minn dokumenit u prospetti annessi mal-istess avviz markati minn Dok A sa Dok G;

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 4 ta Frar 2005 fejn ikkontestat it-talba ghal hlas stante l-preskrizzjoni tal-hames snin u fi kwalunkwe kaz ebda ammont ma kienu minnha dovut. Permezz ta nota datata 28 ta Gunju 2005 is-socjeta konvenuta specifikat l-artikolu tal-ligi dwar preskrizzjoni huwa dak kontemplat fl-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ra l-provi prodotti kollha nkluz id-dokumenti esbiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn kreditur qed jallega kreditu kontra
d-debitur tieghu filwaqt li l-allegat debitur qed jikkontesta l-istess fis-sens li
ebda ammont ma kien dovut u li se mai l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-
ligi.

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari t-Tribunal josserva s-segwenti:-

1. L-azzjoni odjerna giet intavolata fid-9 ta Settembru 2004.
2. Is-socjeta konvenuta tat ir-risposta taghha fl-4 ta Frar 2005 in segwitu ta
procedura ta notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni f'Jannar 2005.
3. Fid-dokument esebit a fol 29 tal-process, jidher li s-sur Grima espressa
ruhu fis-sens li kien dispost anzi nkarika ruhu li jhallas kwalunkwe bilanc li
kien talvolta dovut ghal perjodu qabel Jannar 1999 (a fol 31) u liema
dikjarazzjoni tista tittiehed bhala sserva ta nterruzzjoni ta kwalunkwe perjodu
preskrittiv li setgha ddekorra fuq l-azzjoni odjerna;

4. Id-dokument esebit a fol 30 tal-process jindika d-dettalji tal-kontijiet dovuta.
Ta min jinnota li l-akbar somma hija dik dovuta fuq il-kont numru 10054169
ghal perjodu bejn Ottubru 1994 u Dicembru 1999 (a fol 34) u li fuq dan il-kont
jidher li dan kien gie akkreditat f'Marzu u Settembru 2000 u li kwindi serva
bhala interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv
5. Skond ix-xhieda u d-dokument esebit minn Claudette Fenech ghal MFSA
Dok CF1 jirrizulta li Joe Grima kien ittrasferixxa l-ishma tieghu fi hdan is-
socjeta konvenuta f'Dicembru tas-sena 2005 u li kien irrizenja minn direttur
taghha f'Novembru 2003.
6. Illi dwar l-allegat pagament li serva biex interrompa l-perjodu preskrittiv, is-socjeta konvenuta bdiet tallega li kien jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib prova skjetta dwar dan billi tipproduci l-ircevuta relattiva. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li se mai l-ircevuta ta pagament tkun f'idejn is-socjeta konvenuta stess u fit-tieni lok la darba s-socjeta attrici gabet prova dokumentarja ta hlas jew ta kont ikkreditat kien jispetta lis-socjeta konvenuta li ggib prova kuntrarja dwar dan, haga li s-socjeta konvenuta naqset ghal kollox li taghmel.

Ghal dawn il-mottivi ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta jilqa t-talbiet attrici billi jiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont mitlub ta Lm817.62 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma mitluba ta tmien mija u sbatax il-lira tnejn u sittin centezmu (Lm817.62) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------